# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 172

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 60

5 ta' Lulju 2017


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1190 tat-12 ta' Ġunju 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-GNSS bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej tan-Navigazzjoni bis-Satellita rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu** .................... 1

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1191 tas-16 ta' Ġunju 2017 li tirrevoka d-Deċiżjoni 2014/56/UE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Kroazja** .................... 8

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1192 tas-26 ta' Ġunju 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna (CESNI) u fis-sessjoni plenarja tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) rigward l-adozzjoni ta' standards dwar ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni** .................... 10

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1193 tal-4 ta' Lulju 2017 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)** .................... 12

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1194 tal-4 ta' Lulju 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)** .................... 13

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1195 tal-4 ta' Lulju 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/129/PESK li tippromwovi n-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva** .................... 14

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1196 tat-3 ta' Lulju 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri** *(notifikata bid-dokument C(2017) 4432)* ([1]) .................... 16


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1197 tat-3 ta' Lulju 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/340/UE dwar l-organizz-azzjoni ta' esperiment temporanju skont id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE fir-rigward tal-ispezzjoni tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali għaż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika** *(notifikata bid-dokument C(2017) 4442)* (1) ........................................ 30

★ **Deċiżjoni (UE) 2017/1198 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-27 ta' Ġunju 2017 dwar ir-rapportar ta' pjanijiet ta' finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu minn awtoritajiet kompetenti nazzjonali lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2017/21)** ........................................ 32


---

## Rettifika


★ **Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1986 tal-11 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 842/2011** (ĠU L 296, 12.11.2015) ......... 36


(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1190

**tat-12 ta' Ġunju 2017**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-GNSS bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej tan-Navigazzjoni bis-Satellita rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 172 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej tan-Navigazzjoni bis-Satellita [1] ("il-Ftehim") ilu japplika b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2014 fir-rigward ta' elementi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni.

(2) L-Artikolu 20 tal-Ftehim jistabbilixxi l-Kumitat tal-GNSS bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera ("il-Kumitat Konġunt") u jipprevedi li dan għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.

(3) Għalhekk, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-GNSS bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera ("il-Kumitat Konġunt") stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej tan-Navigazzjoni bis-Satellita rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

2. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu dwar bidliet żgħar fl-abbozz tad-Deċiżjoni mingħajr ebda deċiżjoni oħra tal-Kunsill.

---

[1] ĠU L 15, 20.1.2014, p. 3.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-12 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. CAMILLERI

ABBOZZ

# DEĊIŻJONI Nru 1/2017 TAL-KUMITAT TAL-GNSS BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-IŻVIZZERA

**ta' …**

**dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu**

IL-KUMITAT TAL-GNSS BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-IŻVIZZERA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej tan-Navigazzjoni bis-Satellita [1] ("il-Ftehim") ilu japplika b'mod provviżorju bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera ("Żvizzera") u l-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2014 fir-rigward ta' elementi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 20(2) tal-Ftehim, il-Kumitat tal-GNSS bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera ("il-Kumitat Konġunt") għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.

(3) F'konformità mal-Artikolu 20(4) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi gruppi ta' ħidma jew gruppi ta' esperti sabiex jassistuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.

(4) F'konformità mal-Artikolu 27(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Iżvizzera u tal-Unjoni matul l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu Uniku*

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, kif stipulati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, huma b'dan adottati.

Magħmul bl-Ingliż fi Brussell u f'Berna, […] u […], rispettivament.

*Għall-Kumitat Konġunt*

*Il-President*

*Is-Segretarju għall-Unjoni Ewropea*

*Is-Segretarju għall-Iżvizzera*

---

[1] ĠU L 15, 20.1.2014, p. 3.

*ANNESS*

**REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT TAL-GNSS BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-IŻVIZZERA ("IL-KUMITAT KONĠUNT")**

*Artikolu 1*

**Kompożizzjoni tal-Kumitat Konġunt**

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") u tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea min-naħa waħda, u minn rappreżentanti tal-Gvern Federali tal-Konfederazzjoni Żvizzera (Żvizzera) min-naħa l-oħra. Iż-żewġ naħat, minn hawn 'il quddiem, għandhom jissejħu b'mod individwali bħala "l-Parti" jew b'mod konġunt bħala "l-Partijiet".

2. Ir-rappreżentanti tal-Partijiet jistgħu jkunu akkumpanjati minn uffiċjali oħra li jaġixxu f'isem il-Partijiet.

3. Matul l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Iżvizzera, min-naħa waħda, u minn rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea, min-naħa l-oħra.

*Artikolu 2*

**Presidenza**

1. Il-presidenza tal-Kumitat Konġunt għandha talterna bejn il-Partijiet kull 12-il xahar.

Il-presidenza għandha tinżamm mill-Iżvizzera matul is-sena li fiha jidħol fis-seħħ il-Ftehim.

2. Il-Parti li jkollha l-presidenza għandha taħtar il- president tal-Kumitat Konġunt, kif ukoll is-sostitut tiegħu.

3. Il-President għandu jmexxi x-xogħol tal-Kumitat Konġunt.

4. Matul l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

*Artikolu 3*

**Osservaturi**

Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi, bi ftehim komuni bejn il-Partijiet, li jistieden esperti jew rappreżentanti ta' korpi oħra biex jattendu l-laqgħat tal-Kumitat Konġunt bħala osservaturi sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġetti speċifiċi. Il-Kumitat Konġunt għandu jaqbel dwar it-termini u l-kundizzjonijiet li bihom dawn l-osservaturi jkunu jistgħu jattendu l-laqgħat.

*Artikolu 4*

**Segretarjat**

1. Uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea u uffiċjal tal-Gvern tal-Iżvizzera għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala Segretarji tal-Kumitat Konġunt.

2. Is-Segretarji tal-Kumitat Konġunt għandhom ikun responsabbli għall-komunikazzjoni bejn il-Partijiet, inkluża t-trażmissjoni ta' dokumenti.

3. Il-funzjonijiet tas-segretarjat jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Parti li jkollha l-presidenza.

*Artikolu 5*

**Laqgħat tal-Kumitat Konġunt**

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' kif u meta meħtieġ, fil-prinċipju darba fis-sena.

Il-President għandu jsejjaħ, wara konsultazzjoni mal-Partijiet, il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt f'ħin u f'post miftiehma b'mod reċiproku. Jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk jistgħu jsiru wkoll konferenzi telefoniċi u vidjokonferenzi.

Il-President għandu jsejjaħ sessjoni speċjali tal-Kumitat Konġunt kemm fuq talba tal-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-Iżvizzera.

Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' fi żmien 15-il jum kalendarju minn meta ssir talba skont l-Artikolu 22(2) tal-Ftehim.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' fi Brussell jew fl-Iżvizzera, skont il-Parti li jkollha l-presidenza, sakemm il-Partijiet ma jiftiehmux mod ieħor.

3. Il-President għandu jibgħat l-avviż dwar il-konvokazzjoni tal-laqgħa, flimkien mal-abbozz tal-aġenda u d-dokumenti għal-laqgħa, lir-rappreżentanti tal-Partijiet mill-anqas 21 jum kalendarju qabel il-laqgħa. Id-dokumenti għal-laqgħat imsejħa f'konformità mal-Artikolu 22(2) tal-Ftehim, għandhom jintbagħtu mill-anqas sebat ijiem kalendarji qabel il-laqgħa.

4. Il-President jista', bi ftehim mal-Partijiet, iqassar il-limiti ta' żmien stipulati fil-paragrafu 3 sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet ta' kwistjoni partikolari.

5. Mill-inqas sebat ijiem kalendarji qabel kull laqgħa, il-President għandu jiġi infurmat dwar il-kompożizzjoni tad-delegazzjoni ta' kull Parti.

6. Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor.

*Artikolu 6*

**Aġenda**

1. Il-President, assistit mis-Segretarji, għandu jfassal l-aġenda provviżorja għal kull laqgħa.

2. Kull Parti tista' tipproponi li jiżdiedu elementi addizzjonali fl-aġenda. Kull talba għandha tkun debitament sostanzjata u mibgħuta bil-miktub lill-President mill-anqas sebat ijiem kalendarji qabel il-laqgħa.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu japprova l-aġenda fil-bidu tal-laqgħa.

*Artikolu 7*

**Gruppi ta' ħidma tal-Kumitat Konġunt**

1. Il-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-gruppi ta' ħidma jew tal-gruppi ta' esperti li għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 20(4) tal-Ftehim għandhom jiġu miftiehma abbażi ta' mandat stabbilit mill-Kumitat Konġunt.

2. Il-gruppi ta' ħidma jew il-gruppi ta' esperti għandhom japplikaw dawn ir-Regoli ta' Proċedura *mutatis mutandis*.

3. Il-gruppi ta' ħidma jew il-gruppi ta' esperti għandhom jaħdmu taħt l-awtorità tal-Kumitat Konġunt u jibagħtulu rapport wara kull laqgħa li jkollhom. Dawn m'għandhomx ikunu awtorizzati li jieħdu deċiżjonijiet, iżda jistgħu jressqu rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt.

4. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi, f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura li jemenda jew li jtemm il-mandat tal-gruppi ta' ħidma jew tal-gruppi ta' esperti.

*Artikolu 8*

**Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jieħu d-deċiżjonijiet u jfassal ir-rakkomandazzjonijiet permezz ta' ftehim komuni bejn il-Partijiet f'konformità mal-Ftehim. Dawn għandhom ikollhom it-titolu "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni", segwiti b'numru ta' sekwenza, id-data tal-adozzjoni u referenza għas-suġġett tagħhom.

2. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu ffirmati mill-President u mis-Segretarji u għandhom jiġu ċċirkolati lill-Partijiet.

3. Kull Parti tista' tiddeċiedi li tippubblika kwalunkwe deċiżjoni jew rakkomandazzjoni adottata mill-Kumitat Konġunt fil-ġurnal uffiċjali rispettiv tagħha. Il-Partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar l-intenzjoni tagħhom li jippubblikaw deċiżjoni jew rakkomandazzjoni.

4. Il-Kumitat Konġunt jista' jadotta d-deċiżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu permezz ta' proċedura bil-miktub jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk. Il-proċedura bil-miktub għandha tikkonsisti minn skambju ta' noti bejn is-Segretarji, li jaġixxu bi qbil mal-Partijiet. Għal dak il-għan, it-test tal-proposta għandu jiġi ċċirkolat skont l-Artikolu 5 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura, f'limitu ta' żmien ta' mhux anqas minn 21 jum kalendarju li fih għandha tiġi mgħarrfa kull riżerva jew emenda. Il-President jista' jnaqqas dak il-limitu ta' żmien, b'konsultazzjoni mal-Partijiet, sabiex jiġu meqjusa ċ-ċirkostanzi speċjali. Ladarba jkun hemm qbil dwar it-test, id-deċiżjoni jew ir-rakkomandazzjoni għandhom jiġu ffirmati mill-President u mis-Segretarji.

5. Id-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt li jemendaw l-Anness I tal-Ftehim għandhom ikunu adottati fil-lingwi awtentiċi tal-Ftehim.

*Artikolu 9*

**Minuti**

1. Is-Segretarjat għandu jfassal abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa. L-abbozz għandu jindika d-deċiżjonijiet meħuda u r-rakkomandazzjonijiet imfassla. L-abbozz tal-minuti għandu jiġi ppreżentat lill-Kumitat Konġunt għall-adozzjoni. Ladarba dawn ikunu ġew adottati mill-Kumitat Konġunt, il-minuti għandhom jiġu ffirmati mill-President u mis-Segretarji.

2. L-abbozz tal-minuti għandu jitfassal fi żmien 21 jum kalendarju mid-data tal-laqgħa u jiġi ppreżentat għall-approvazzjoni tal-Kumitat Konġunt jew permezz ta' proċedura bil-miktub jew fil-laqgħa sussegwenti tal-Kumitat Konġunt.

*Artikolu 10*

**Kunfidenzjalità**

Meta Parti tippreżenta informazzjoni li tkun indikata bħala kunfidenzjali lill-Kumitat Konġunt, il-Partijiet l-oħra għandhom jittrattaw dik l-informazzjoni bħala tali.

*Artikolu 11*

**Spejjeż**

1. Kull Parti għandha tħallas kwalunkwe spiża li ġġarrab marbuta mal-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt u tal-gruppi ta' ħidma jew tal-gruppi ta' esperti.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jaqbel dwar it-tqassim tal-ispejjeż relatati ma' kwalunkwe missjoni assenjata lill-esperti.

3. L-ispejjeż marbuta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni ta' dokumenti għandhom jitħallsu mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.

*Artikolu 12*

**Korrispondenza**

Il-korrispondenza kollha indirizzata lill-President tal-Kumitat Konġunt jew mibgħuta minnu għandha tintbagħat lis-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt.

*Artikolu 13*

**Emendar**

Dawn ir-Regoli ta' Proċedura jistgħu jiġu emendati permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt f'konformità mal-Artikolu 8.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1191

## tas-16 ta' Ġunju 2017

## li tirrevoka d-Deċiżjoni 2014/56/UE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Kroazja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-28 ta' Jannar 2014, wara li saret rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, il-Kunsill iddeċieda, bid-Deċiżjoni 2014/56/UE [1], f'konformità mal-Artikolu 126(6) tat-Trattat, li kien jeżisti defiċit eċċessiv fil-Kroazja. Il-Kunsill innota li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika ppjanat għall-2014 kien ta' 5,5 %, li kien iktar mill-valur referenzjarju fit-Trattat ta' 3 % tal-PDG. Id-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika kien imbassar li jilħaq it-62 % tal-PDG fl-2014, li kien ogħla mill-valur referenzjarju fit-Trattat ta' 60 % tal-PDG.

(2) Fit-28 ta' Jannar 2014, f'konformità mal-Artikolu 126(7) tat-Trattat u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 [2], il-Kunsill, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, indirizza Rakkomandazzjoni lill-Kroazja bl-għan li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tinġieb fi tmiemha sa mhux aktar tard mill-2016.

(3) Fit-2 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Kroazja kienet ħadet azzjoni effettiva f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2014 taħt l-Artikolu 126(7) tat-Trattat.

(4) Taħt l-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattati, il-Kummissjoni tipprovdi d-dejta statistika għall-implimentazzjoni tal-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni ta' dak il-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dejta statistika dwar defiċit u dejn tal-gvern kif ukoll dwar varjabbli assoċjati oħra darbtejn fis-sena, jiġifieri qabel l-1 ta' April u qabel l-1 ta' Ottubru, taħt l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 [3].

(5) Il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni biex jirrevoka deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fuq il-bażi tad-dejta statistika notifikata. Barra minn hekk, deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv jinħtieġ li tiġi revokata biss jekk il-previżjonijiet tal-Kummissjoni jindikaw li d-defiċit ma jkunx se jaqbeż il-valur referenzjarju fit-Trattat ta' 3 % tal-PDG tul il-perjodu tal-previżjoni u l-proporzjon tad-dejn jissodisfa l-element li jħares 'il quddiem tal-valur referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn [4].

(6) Abbażi tad-dejta pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) taħt l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2009, wara n-notifika ta' April 2016 mill-Kroazja, il-Programm ta' Konverġenza għall-perjodu 2017-2020 u t-tbassir tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa 2017, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:

— Fl-2016, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika laħaq 0,8 % tal-PDG, minn 3,4 % fl-2015. Dak it-titjib kien dovut l-aktar għal: (i) żieda fl-introjtu minħabba tkabbir b'saħħtu tal-PGD u (ii) trażżin min-naħa tal-infiq. B'hekk, id-defiċit inġieb taħt il-valur referenzjarju fit-Trattat ta' 3 % tal-PDG sal-iskadenza stabbilita mill-Kunsill.

— Il-Programm ta' Konverġenza għall-perjodu 2017-2020, ippreżentat mill-gvern Kroat fis-27 ta' April 2017, qed jippjana li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika jitla' għal 1,3 % tal-PDG fl-2017, u jinżel lura għal 0,8 % tal-PDG fl-2018. It-tbassir tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa 2017 jipproġetta defiċit ta' 1,1 % tal-PDG fl-2017 u ta' 0,9 % tal-PDG fl-2018. B'hekk, id-defiċit mistenni li jibqa' taħt il-valur referenzjarju fit-Trattat ta' 3 % tal-PDG matul il-perjodu ta' tbassir.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/56/UE tat-28 ta' Jannar 2014 dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Kroazja (ĠU L 36, 6.2.2014, p. 13).

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1).

[4] B'konformità mal-Ispeċifikazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Linji Gwida dwar il-format u l-kontenut ta' Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza, disponibbli fis-sit: http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/sgp/pdf/coc/code_of_conduct_en.pdf

— Il-bilanċ strutturali, li huwa l-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika aġġustat għaċ-ċiklu ekonomiku u nett minn miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħrajn, ittejjeb bi 3.0 % tal-PDG fil-perjodu 2014-2016.

— Il-proporzjon tad-dejn gross tal-gvern mal-GDP laħaq il-quċċata ta' 86,7 % fl-2015 u niżel għal 84,2 % fl-2016, minħabba tisħiħ tal-PDG u aġġustamenti ta' *stock-flow* lejn it-tnaqqis tad-dejn. It-tbassir tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2017 jipproġetta li l-proporzjon tad-dejn se jonqos aktar għal 79,4 % fl-2018, sostnut minn tkabbir b'saħħtu tal-PDG nominali. Fuq dik il-bażi, l-proporzjon tad-dejn tal-2016 jissodisfa l-element li jħares 'il quddiem tal-valur referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn.

(7) Taħt l-Artikolu 126(12) tat-Trattat, deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha tiġi revokata meta, fil-fehma tal-Kunsill, tkun saret korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat.

(8) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fil-Kroazja ġie kkoreġut u jenħtieġ għalhekk li d-Deċiżjoni 2014/56/UE tiġi revokata.

(9) Mill-2017, li hija s-sena sussegwenti għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, il-Kroazja hija soġġetta għall-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Billi diġà fl-2016 laħqet l-objettiv tagħha fuq terminu medju, jenħtieġ li l-Kroazja tevita li tiddevja minnu u li tikkonforma mal-kriterju tad-dejn, skont l-Artikolu 2(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni globali jirriżulta li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fil-Kroazja ġiet ikkoreġuta.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2014/56/UE hija b'dan revokata.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Kroazja.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-16 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SCICLUNA

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1192

## tas-26 ta' Ġunju 2017

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna (CESNI) u fis-sessjoni plenarja tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) rigward l-adozzjoni ta' standards dwar ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Jenħtieġ li l-azzjoni mill-Unjoni fis-settur tan-navigazzjoni interna jkollha l-għan li tiżgura uniformità fl-iżvilupp tar-rekwiżiti tekniċi għal bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni li jridu jiġu applikati fl-Unjoni.

(2) Il-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna (CESNI) ġie stabbilit fit-3 ta' Ġunju 2015 fil-qafas tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) biex jiżviluppa standards tekniċi għall-passaġġi fuq l-ilma interni f'diversi oqsma, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-bastimenti, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-ekwipaġġ.

(3) Għal trasport effiċjenti fuq il-passaġġi fuq l-ilma, huwa importanti li r-rekwiżiti tekniċi għal bastimenti jkunu kompatibbli u kemm jista' jkun armonizzati skont reġimi legali differenti fl-Ewropa. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri li huma wkoll membri tas-CCNR ikunu awtorizzati jappoġġaw deċiżjonijiet li jarmonizzaw ir-regoli tas-CCNR ma' dawk applikati fl-Unjoni.

(4) Is-CESNI huwa mistenni li jadotta Standard Ewropew li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi għal bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni ('standard ES-TRIN') 2017/1 fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Lulju 2017.

(5) L-istandard ES-TRIN 2017/1 jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi uniformi meħtieġa biex jiżguraw is-sigurtà tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Dan jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-bini tal-bastimenti, l-armar u t-tagħmir għal bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, dispożizzjonijiet speċjali fir-rigward ta' kategoriji speċifiċi ta' bastimenti bħal bastimenti tal-passiġġieri, konvojs imbuttati u bastimenti tal-kontejners, dispożizzjonijiet dwar it-tagħmir tas-Sistema ta' Indentifikazzjoni Awtomatika, dispożizzjonijiet dwar l-identifikazzjoni tal-bastiment, mudell ta' ċertifikati u reġistru, dispożizzjonijiet tranżitorji kif ukoll struzzjonijiet għall-applikazzjoni tal-istandard tekniku.

(6) Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) ser tħassar id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) b'effett mis-7 ta' Ottubru 2018. L-Anness II għad-Direttiva (UE) 2016/1629 tirreferi direttament għar-rekwiżiti tekniċi għal inġenji bħala dawk mogħtija fl-istandard ES-TRIN 2015/1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li taġġorna dik ir-referenza, għall-aktar verżjoni reċenti tal-istandard ES-TRIN u li tistabbilixxi d-data tal-applikazzjoni tagħha.

(7) Għalhekk, l-istandard ES-TRIN 2017/1 ser jaffettwa d-Direttiva (UE) 2016/1629.

(8) L-Unjoni la hija membru tas-CCNR u lanqas tas-CESNI. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-Kunsill jawtorizza lill-Istati Membri biex jesprimu, fi ħdan dawk l-organi, il-pożizzjoni tal-Unjoni rigward l-adozzjoni tal-istandard ES-TRIN 2017/1,

([1]) Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118).

([2]) Id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 82/714/KEE (ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Ewropew għat-tfassil tal-istandards fil-qasam tan-navigazzjoni fuq passaġġi tal-ilma interni tas-6 ta' Lulju 2017 għandha tkun li taqbel mal-adozzjoni tal-Istandard Ewropew li jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għan-navigazzjoni fl-ilmijiet interni ("standard ES-TRIN") 2017/1 u tal-Istandard ta' Prova komplementari dwar l-AIS Intern 2017/1.

2. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa tas-sessjoni plenarja tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR), fejn jiġu deċiżi rekwiżiti tekniċi għal bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, għandha tkun li jkunu appoġġati l-proposti kollha li jallinjaw ir-rekwiżiti tekniċi ma' dawk tal-istandard ES-TRIN 2017/1, inkluż fir-rigward tad-dħul fis-seħħ u d-dispożizzjonijiet transitorji.

*Artikolu 2*

1. Il-pożizzjoni tal-Unjoni kif stipulata fl-Artikolu 1(1) għandha tiġi espressa mill-Istati Membri, li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

2. Il-pożizzjoni tal-Unjoni kif stipulata fl-Artikolu 1(2) għandha tiġi espressa minn dawk l-Istati Membri li huma membri tas-CCNR, li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

*Artikolu 3*

Bidliet tekniċi minuri għall-pożizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu miftiehma mingħajr deċiżjonijiet ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. MIZZI

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1193

## tal-4 ta' Lulju 2017

## li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-12 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK [1] li stabbilixxiet Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah).

(2) Fis-7 ta' Lulju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1107 [2] li emendat l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK u estendietha sat-30 ta' Ġunju 2017.

(3) Wara r-Reviżjoni Strateġika tal-EU BAM Rafah, il-Missjoni għandha tiġi estiża għal perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar, sat-30 ta' Ġunju 2018.

(4) L-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ.

(5) Il-Missjoni EU BAM Rafah ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 13(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relattiva għall-EU BAM Rafah għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018 għandu jkun ta' EUR 1 980 000."

(2) fl-Artikolu 16, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Hija għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2018.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2017.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. MAASIKAS

---

[1] L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK tal-12 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1107 tas-7 ta' Lulju 2016 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠU L 183, 8.7.2016, p. 64).

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1194

## tal-4 ta' Lulju 2017

## li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-3 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/354/PESK ([1]), li kompliet il-EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2013.

(2) Fis-7 ta' Lulju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1108 ([2]) li emendat id-Deċiżjoni 2013/354/PESK u estendietha mill-1 ta' Lulju 2016 sat-30 ta' Ġunju 2017.

(3) Wara r-Reviżjoni Strateġika tal-EUPOL COPPS, il-Missjoni għandha tiġi estiża għal perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar, sat-30 ta' Ġunju 2018.

(4) Id-Deċiżjoni 2013/354/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ.

(5) Il-Missjoni EUPOL COPPS ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2013/354/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 12(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relattiva għall-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018 għandu jkun EUR 12 372 000.";

(2) fl-Artikolu 15, it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Hija għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2018.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2017.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. MAASIKAS

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1108 tas-7 ta' Lulju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L 183, 8.7.2016, p. 65).

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1195**

**tal-4 ta' Lulju 2017**

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/129/PESK li tippromwovi n-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/129/PESK ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni 2014/129/PESK tipprevedi perijodu ta' implimentazzjoni ta' 36 xahar għall-proġetti li jkopru tal-attivitajiet speċjali msemmija fl-Artikolu 1(3) mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament msemmi fl-Artikolu 3(3) tagħha.

(3) Fit-3 ta' April 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/632 ([2]) li estendiet il-perijodu tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2014/129/PESK sat-2 ta' Lulju 2017.

(4) Fid-19 ta' Ġunju 2017, l-entità ta' implimentazzjoni (il-"Konsorzju tal-UE għan-Nonproliferazzjoni") talbet l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għal estensjoni oħra tal-perijodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2014/129/PESK sal-31 ta' Diċembru 2017 sabiex tkun tista' ssir l-organizzazzjoni ta' konferenza annwali importanti dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm fl-2017, kif ukoll biex tkompli tinżamm il-manutenzjoni u tiġi aġġornata l-pjattaforma tal-internet tal-Konsorzju tal-UE għan-Nonproliferazzjoni wara t-2 ta' Lulju 2017.

(5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/129/PESK tiġi emendata sabiex tkun tista' ssir l-implimentazzjoni sħiħa tal-attivitajiet imsemmija fiha, u tiġi estiża d-durata tagħha skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2014/129/PESK hija emendata kif ġej:

(1) Artikolu 1(3)(c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-provvediment ta' mezzi biex isiru erba' konferenzi prinċipali annwali ma' pajjiżi terzi u mas-soċjetà ċivili dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm biex jippromwovu internazzjonalment l-Istrateġija tal-UE għan-Nonproliferazzjoni tal-AQM u l-Istrateġija tal-UE għas-SALW, u r-rwol, f'dan il-qasam, tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-gruppi ta' riflessjoni fl-Unjoni, bil-ħsieb li tiżdied il-viżibbiltà tal-politika tal-Unjoni f'dan il-qasam u li jitressqu rapporti u/jew rakkomandazzjonijiet quddiem ir-rappreżentanti tar-RGħ;";

(2) L-Artikolu 3(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġetti li jkopru l-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 1(3) għandu jkun ta' EUR 4 034 254,15.";

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/129/PESK tal-10 ta' Marzu 2014 li tippromwovi n-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 71, 12.3.2014, p. 3).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/632 tat-3 ta' April 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/129/PESK li tippromwovi n-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 90, 4.4.2017, p. 10).

(3) L-Artikolu 5(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Hija għandha tapplika mit-3 ta' Lulju 2017. Hija għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2017.";

(4) It-test tat-Taqsima 4 tal-Anness jinbidel b'dan li ġej:

"4. Tul ta' żmien

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2017.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2017.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. MAASIKAS

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1196

**tat-3 ta' Lulju 2017**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri**

*(notifikata bid-dokument C(2017) 4432)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju u żootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE ([4]) tistabbilixxi miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri. Dawk il-miżuri jinkludu projbizzjonijiet fuq it-tqassim ta' ħnieżer ħajjin, ta' laħam tal-majjal, ta' preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal, ta' prodotti tal-laħam tal-majjal u ta' kull prodott ieħor li jkun fih jew li jkun jikkonsisti minn laħam tal-majjal minn ċerti żoni tal-Istati Membri kkonċernati.

(2) L-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE ([5]) jirrikonoxxi l-eżistenza ta' azjendi li jikkonsistu f'unitajiet differenti tal-produzzjoni u tippermetti l-applikazzjoni ta' derogi marbuta ma' livelli differenti ta' riskji li jistgħu jiġu rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti. Dan jenħtieġ li jiġi rifless fid-derogi previsti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE.

(3) Il-moviment ta' ħnieżer ħajjin għat-tbiċċir immedjat joħloq anqas riskju minn tipi oħra ta' movimenti ta' ħnieżer ħajjin, dejjem jekk ikun hemm fis-seħħ miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju. Fil-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju jista' jiġi inkluż il-qtil tal-ħnieżer minn żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE fi tmiem jum tal-qatla li fih, wara, ma jinqatel ebda ħanżir ieħor. Dan jenħtieġ li jiġi rifless fid-derogi mill-projbizzjoni fuq it-tqassim ta' kunsinni ta' ħnieżer ħajjin għall-qatla immedjata kif previst fl-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(4) L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/99/KE jistipula li prodotti li joriġinaw mill-annimali għandhom jittieħdu minn annimali li ma joriġinawx minn azjenda, stabbiliment, territorju jew parti minn territorju soġġett għal restrizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali skont ir-regoli stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva, inklużi miżuri ta' kontroll għad-deni Afrikan tal-ħnieżer kif stipulat fid-Direttiva 2002/60/KE. Bħala konsegwenza, il-biċċeriji, l-impjanti tat-tqattigħ u l-istabbilimenti tal-ipproċessar tal-laħam li jinsabu f'żoni ta' protezzjoni u sorveljanza ddefiniti skont id-Direttiva 2002/60/KE huma ristretti fil-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni ta' laħam tal-majjal, preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal, prodotti tal-laħam tal-majjal u kull prodott ieħor li fih jew jikkonsisti mil-laħam tal-majjal. Minħabba r-riskju negliġibbli li tirrappreżenta, jenħtieġ li tiġi prevista deroga għal biċċeriji, impjanti tat-tqattigħ u stabbilimenti tal-ipproċessar tal-laħam li jinsabu f'żoni ta' protezzjoni u sorveljanza, bil-kundizzjoni li l-prodotti jkunu ġew prodotti, maħżuna u pproċessati fi stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni elenkati fil-Partijiet I, II jew III tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE taħt kundizzjonijiet speċifiċi.

---

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([3]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE tad-9 ta' Ottubru 2014 dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/178/UE (ĠU L 295, 11.10.2014, p. 63).
([5]) Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi miżuri għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-qżieqeż u temenda id-Direttiva 92/119/KEE għar-rigward tal-marda Teschen u d-deni Afrikan tal-qżieqeż (ĠU L 192, 20.7.2002, p. 27).

(5) Il-miżuri fis-seħħ għat-tqassim, lejn Stati Membri oħra u lejn pajjiżi terzi, ta' ħnieżer ħajjin miż-żoni elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE jeħtieġ li jiġu riveduti sabiex titqies l-assenza tal-marda f'żoni elenkati fil-Parti I ta' dak l-Anness. Sabiex tiġi żgurata s-sostenibilità tal-miżuri, il-laxkar proporzjonat jenħtieġ li jkun previst biss fil-każ ta' ħnieżer soġġetti għal moviment minn żona fil-Parti I ta' dak l-Anness lejn azjendi oħra li jinsabu f'żona fil-Parti I tiegħu bil-kundizzjoni li jibqgħu fis-seħħ il-miżuri l-oħra ta' mitigazzjoni tar-riskju.

(6) Il-bżonn li jiġu mitigati r-riskji li jirriżultaw mit-trasport ta' ħnieżer selvaġġi ħajjin mill-Istati Membri elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE jeħtieġ li jiġi indirizzat. Din il-prattika tinvolvi kommodità ta' riskju partikolarment għoli u jenħtieġ li titrażżan billi jissaħħu jew jiġu estiżi l-miżuri diġà fis-seħħ għal ħnieżer selvaġġi.

(7) Biex jiġi żgurat li t-tagħrif dwar ir-rekwiżiti rigward ir-restrizzjonijiet fis-seħħ skont id-Deċiżjoni 2014/709/UE għal prodotti li joriġinaw mill-ħnieżer, inklużi prodotti minn ħnieżer selvaġġi, jingħata b'mod effettiv lil min jivvjaġġa, l-operaturi tat-trasport tal-passiġġieri u s-servizzi postali jenħtieġ li jgħarrfu lill-vjaġġaturi li sejrin lejn iż-żoni elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni b'dawn ir-rekwiżiti.

(8) F'Mejju 2017, ġew osservati ftit każi ta' deni Afrikan tal-ħnieżer fiċ-ċingjali, fit-Tukuma novads u f'ċerti żoni tal-Ventspils novads fil-Latvja, f'żona attwalment elenkata fil-Parti II tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE u viċin iż-żoni attwalment elenkati fil-Pari I ta' dak l-Anness. L-okkorrenza ta' dawn il-każi tikkostitwixxi żieda fil-livell tar-riskju li jenħtieġ li jitqies. Għaldaqstant, jenħtieġ li ż-żoni rilevanti fil-Latvja issa jiġu elenkati fil-Parti II, minflok fil-Parti I ta' dak l-Anness.

(9) Ir-riskju li d-deni Afrikan tal-ħnieżer jinxtered fl-annimali selvaġġi huwa marbut mat-tixtrid naturali bil-mod fil-popolazzjonijiet tal-ħnieżer selvaġġi kif ukoll mal-azzjonijiet tal-bniedem kif iddokumentat permezz ta' rapporti xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ([1]). Sabiex jitqiesu l-avvenimenti epidemjoloġiċi li seħħew fl-Unjoni mill-2014 'l hawn f'rabta ma' din il-marda, u sabiex jiġu indirizzati r-riskji li jirriżultaw mid-deni Afrikan tal-ħnieżer kif ukoll il-ħtieġa li tittieħed azzjoni proattiva meta jiġu definiti ż-żoni li għandhom jiġu inklużi fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE, żoni ta' riskju ogħla li jkunu kbar biżżejjed u li jiċċirkondaw iż-żoni elenkati fil-Partijiet II u III ta' dak l-Anness jenħtieġ li jkunu inklużi fil-Parti I tiegħu għall-entrati tal-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja. Dawn iż-żoni ġodda inklużi jridu jqisu l-istaġjonalità tal-marda fir-reġjun u dan jenħtieġ li jiġi rivedut mill-Kummissjoni f'Ottubru 2017 meta r-riskju tat-tixrid jiġi vvalutat mill-ġdid skont l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika.

(10) L-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fl-Unjoni fir-rigward tad-deni Afrikan tal-ħnieżer għandha titqies fil-valutazzjoni tar-riskju rrappreżentat mis-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fir-rigward ta' dik il-marda fil-Latvja, fil-Litwanja u fil-Polonja. Sabiex il-miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali jiġu ffokati u biex jiġi evitat aktar tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, kif ukoll biex jiġi evitat xkiel mhux meħtieġ għall-kummerċ fl-Unjoni u jiġu evitati ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ minn pajjiżi terzi, il-lista tal-Unjoni taż-żoni soġġetti għall-miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali stipulati fil-Parti tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE jenħtieġ li tiġi emendata biex titqies is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali rigward dik il-marda f'dawk it-tliet Stati Membri.

(11) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE tiġi emendata skont dan,

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3, il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. il-ħnieżer ikun ilhom mill-anqas 30 ġurnata jew minn twelidhom jitrabbew f'dik l-azjenda u sakemm ma jkun iddaħħal l-ebda ħanżir ħaj miż-żoni mniżżlin fil-Partijiet II, III u IV tal-Anness għal mill-inqas 30 jum qabel id-data taċ-ċaqliq minn post għall-ieħor lejn;

(a) dik l-azjenda; jew

([1]) EFSA Journal 2015;13(7):4163 [92 pp.]; u EFSA Journal 2017;15(3):4732 [73 pp.].

(b) (b) l-unità ta' produzzjoni fejn jinżammu l-ħnieżer li jkunu se jintbagħtu skont dan l-Artikolu; l-unità tal-produzzjoni tista' tiġi ddefinita biss mill-awtorità kompetenti bil-kundizzjoni li l-veterinarju uffiċjali jikkonferma li l-istruttura, id-daqs u d-distanza bejn dawn l-unitajiet tal-produzzjoni u l-ħidmiet imwettqa fihom ikunu tali li l-unitajiet ta' produzzjoni jipprovdu faċilitajiet separati għal kollox għas-sistemazzjoni, iż-żamma u l-għalf, sabiex il-virus ma jkunx jista' jinfirex minn unità tal-produzzjoni waħda għal oħra, u";

(2) Fl-Artikolu 4, il-punt (5) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. hekk kif jaslu l-biċċerija, dawn il-ħnieżer jinżammu u jinqatlu separatament mill-ħnieżer l-oħra u jinqatlu f'jum speċifiku li fih huma biss dawn il-ħnieżer miż-żoni mniżżlin fil-Parti III tal-Anness li jinqatlu jew fi tmiem jum tal-qatla li fih ma jinqatel ebda ħanżir ieħor wara;";

(3) Fl-Artikolu 8, il-punt (a) tal-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"(a) qabel id-data tat-tqassim, il-ħnieżer ikun ilhom mill-anqas 30 ġurnata mingħajr interruzzjoni jitrabbew f'dik l-azjenda jew ikun ilhom minn twelidhom jitrabbew fih, u f'dik l-azjenda ma jkun iddaħħal l-ebda ħanżir ħaj miż-żoni elenkati fil-Partijiet II, III u IV tal-Anness għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tat-tqassim;";

(4) jiddaħħal l-Artikolu 12 a li ġej:

*"Artikolu 12a*

**Deroga għal biċċeriji, impjanti tat-tqattigħ u stabbilimenti tal-ipproċessar tal-laħam li jinsabu fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 4, 5 u 6 u l-Artikoli 11, 12 u 13 ta' din id-Deċiżjoni, u permezz ta' deroga mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 3(3)(a) tad-Direttiva 2002/99/KE, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jawtorizzaw it-tqassim ta' laħam tal-majjal, preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal, prodotti tal-laħam tal-majjal u kull prodott ieħor li fih jew jikkonsisti mil-laħam tal-majjal minn biċċeriji, impjanti tat-tqattigħ u stabbilimenti tal-ipproċessar tal-laħam li jinsabu f'żoni ta' protezzjoni u sorveljanza, kif stabbilit mid-Direttiva 2002/60/KE, jekk prodotti bħal dawn:

(a) ikunu ġew prodotti, maħżuna u pproċessati fi stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni elenkati fil-Partijiet I, II jew III tal-Anness, u li huma approvati skont l-Artikolu 12; kif ukoll

(b) jinkisbu minn ħnieżer li joriġinaw u li ġejjin minn azjendi li ma jkunux jinsabu fiż-żoni elenkati fil-Partijiet II, III jew IV tal-Anness, jew minn ħnieżer li joriġinaw u li ġejjin minn azjendi li jinsabu fiż-żoni elenkati fil-Parti II tal-Anness, sakemm dawn ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1 tal-Artikolu 3 u fil-punt 2 jew fil-punt 3 tal-Artikolu 3; kif ukoll

(c) ikunu mmarkati skont l-Artikolu 16.";

(5) L-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-ebda ħnieżer selvaġġi ħajjin ma jintbagħtu mill-Istati Membri elenkati fl-Anness, ħlief fil-każ ta' żoni ħielsa mid-deni tal-ħnieżer Afrikan separati b'ostakoli ġeografiċi effettivi miż-żoni inklużi fl-Anness, lejn Stati Membri oħra jew miż-żoni elenkati fl-Anness lejn kwalunkwe żoni oħra, sew jekk elenkati fl-Anness inkella le, li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru;";

(b) jiżdiedu dawn il-paragrafi 3 u 4:

"3. B'deroga mill-paragrafu 1(a), l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jawtorizzaw it-tqassim ta' ħnieżer selvaġġi ħajjin miż-żoni mhux elenkati fl-Anness lejn żoni oħra fit-territorju tal-istess Stat Membru mhux imniżżla fl-Anness u lejn Stati Membri oħra, bil-kundizzjoni li:

(a) il-ħnieżer li qabel kienu selvaġġi jkunu ilhom residenti għal perjodu ta' mill-anqas 30 jum fl-azjenda u li f'dik l-azjenda ma jkun iddaħħal ebda ħanżir ħaj matul perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data taċ-ċaqliq;

(b) l-ażjenda timplimenta miżuri ta' biosigurtà;

(c) il-ħnieżer li qabel kienu selvaġġi jkunu jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 3 jew fil-paragrafu 3 tiegħu;

4. Fil-każ tal-kunsinni ta' ħnieżer selvaġġi ħajjin li jkunu konformi mal-kundizzjonijiet tad-deroga previsti fil-paragrafu 3, għandu jiżdied il-kliem addizzjonali li ġej fid-dokumenti veterinarji korrispondenti u/jew fiċ-ċertifikati tas-saħħa msemmija fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 64/432/KEE u fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 93/444/KEE: "Ħnieżer li huma konformi mal-Artikolu 15(3) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE.""

(6) jiddaħħal l-Artikolu 15a li ġej:

"*Artikolu 15a*

**Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn operaturi tat-trasport tal-passiġġieri u s-servizzi postali**

L-operaturi tat-trasport tal-passiġġieri, inklużi l-operaturi tal-ajruporti u l-portijiet, l-aġenziji tal-ivvjaġġar u servizzi postali għandhom jiġbdu l-attenzjoni tal-klijenti tagħhom għar-regoli stipulati f'din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari billi jipprovdu informazzjoni dwar ir-regoli stipulati fl-Artikoli 2 u 15 lil vjaġġaturi li sejrin mit-territorju ta' xi wieħed mill-Istati Membri kkonċernati u lill-klijenti tas-servizzi postali b'mod xieraq.";

(7) l-Anness jinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2017.

*Għall-Kummissjoni*

Vytenis ANDRIUKAITIS

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*"ANNESS*

PARTI I

1. **L-Estonja**

Iż-żoni fl-Estonja li ġejjin:

— Hiiu maakond.

2. **Il-Latvja**

Iż-żoni fil-Latvja li ġejjin:

— Aizputes novads,

— Alsungas novads,

— Auces novads,

— Bauskas novada Īslīces, Gailīšu, Brunavas un Ceraukstes pagasts,

— Bauskas pilsēta,

— Brocēnu novads,

— Dobeles novada Zebrenes, Naudītes, Penkules, Auru, Krimūnu un Bērzes pagasti, Jaunbērzes pagasta daļa, kas atrodas uz rietumiem no autoceļa P98, un Dobeles pilsēta,

— Jelgavas novada Glūdas, Svētes, Platones, Vircavas, Jaunsvirlaukas, Zaļenieku, Vilces, Lielplatones, Elejas un Sesavas pagasts,

— Kandavas novada Vānes un Matkules pagast,

— Kuldīgas novads,

— Pāvilostas novada Sakas pagasts un Pāvilostas pilsēta,

— republikas pilsēta Jelgava,

— Rundāles novads,

— Saldus novada Ezeres, Jaunauces, Jaunlutriņu, Kursīšu, Lutriņu, Novadnieku, Pampāļu, Rubas, Saldus, Vadakstes, Zaņas, Zirņu, Zvārdes un Šķēdes pagastis, Saldus pilsēta.,

— Skrundas novads,

— Stopiņu novada daļa, kas atrodas uz rietumiem no autoceļa V36, P4 un P5, Acones ielas, Dauguļupes ielas un Dauguļupītes,

— Talsu novada Ģibuļu pagasts,

— Talsu pilsēta,

— Tērvetes novads,

— Ventspils novada Jūrkalnes, Ziru, Ugāles, Usmas un Zlēku pagasts.

3. **Il-Litwanja**

Iż-żoni fil-Litwanja li ġejjin:

— Joniškio rajono savivaldybė,

— Jurbarko rajono savivaldybė,

— Kalvarijos savivaldybė,

— Kazlų Rūdos savivaldybė,

— Kelmės rajono savivaldybė,

— Marijampolės savivaldybė,

— Pakruojo rajono savivaldybė,

— Panevėžio rajono savivaldybė: Krekenavos seniūnijos dalis į vakarus nuo Nevėžio upės,

— Pasvalio rajono savivaldybė: Joniškelio apylinkių, Joniškelio miesto, Namišių, Pasvalio apylinkių, Pumpėnų, Pušaloto, Saločių ir Vaškų seniūnijos,

— Radviliškio rajono savivaldybė,

— Raseinių rajono savivaldybė,

— Šakių rajono savivaldybė,

— Šiaulių miesto savivaldybė,

— Šiaulių rajono savivaldybė,

— Vilkaviškio rajono savivaldybė.

4. **Poland**

Iż-żoni fil-Polonja li ġejjin:

w województwie warmińsko-mazurskim:

— gminy Kalinowo, i Prostki, Stare Juchy i gmina wiejska Ełk w powiecie ełckim,

— gmina gminy Biała Piska, Orzysz, Pisz i Ruciane Nida w powiecie piskim,

— gminy Miłki i Wydminy w powiecie giżyckim,

— gminy Olecko, Świętajno i Wieliczki w powiecie oleckim.

w województwie podlaskim:

— gmina Brańsk z miastem Brańsk, gminy Boćki, Rudka, Wyszki, część gminy Bielsk Podlaski położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 19 (w kierunku północnym od miasta Bielsk Podlaski) i przedłużonej przez wschodnią granicę miasta Bielsk Podlaski i drogę nr 66 (w kierunku południowym od miasta Bielsk Podlaski), miasto Bielsk Podlaski, część gminy Orla położona na zachód od drogi nr 66 w powiecie bielskim,

— gminy Dąbrowa Białostocka, Kuźnica, Janów, Nowy Dwór, Sidra, Sokółka, Suchowola i Korycin w powiecie sokólskim,

— gminy Drohiczyn, Dziadkowice, Grodzisk i Perlejewo w powiecie siemiatyckim,

— powiat kolneński,

— gminy Juchnowiec Kościelny, Suraż, Turośń Kościelna, Łapy i Poświętne w powiecie białostockim,

— powiat zambrowski,

— gminy Bakałarzewo, Raczki, Rutka-Tartak, Suwałki i Szypliszki w powiecie suwalskim,

— gminy Sokoły, Kulesze Kościelne, Nowe Piekuty, Szepietowo, Klukowo, Ciechanowiec, Wysokie Mazowieckie z miastem Wysokie Mazowieckie, Czyżew w powiecie wysokomazowieckim,

— powiat augustowski,

— powiat łomżyński,

— powiat miejski Białystok,

— powiat miejski Łomża,

— powiat miejski Suwałki,

— powiat sejneński.

w województwie mazowieckim:

— gminy Bielany, Ceranów, Jabłonna Lacka, Sabnie, Sterdyń, Repki i gmina wiejska Sokołów Podlaski w powiecie sokołowskim,

— gminy Domanice, Korczew, Kotuń, Mokobody, Przesmyki, Paprotnia, Skórzec, Suchożebry, Mordy, Siedlce, Wiśniew i Zbuczyn w powiecie siedleckim,

— powiat miejski Siedlce,

— gminy Rzekuń, Troszyn, Czerwin i Goworowo w powiecie ostrołęckim,

— gminy Olszanka i Łosice w powiecie łosickim,

— powiat ostrowski,

w województwie lubelskim:

— gminy Hanna, Wyryki i gmina wiejska Włodawa w powiecie włodawskim,

— gminy Kąkolewnica Wschodnia, Komarówka Podlaska, Radzyń Podlaski, Ulat-Majorat i Wohyń w powiecie radzyńskim,

— gmina Międzyrzec Podlaski z miastem Międzyrzec Podlaski, gminy Drelów, Rossosz, Sławatycze, Wisznica, Sosnówka, Łomazy i Tuczna w powiecie bialskim,

— gmina Trzebieszów i gmina wiejska Łuków w powiecie łukowskim,

— gminy Dębowa Kłoda, Jabłoń, Milanów, Parczew, Podedwórze i Siemień w powiecie parczewskim.

PARTI II

1. **L-Estonja**

Iż-żoni fl-Estonja li ġejjin:

— Abja vald,

— Alatskivi vald,

— Elva linn,

— Haaslava vald,

— Haljala vald,

— Halliste vald,

— Harju maakond (välja arvatud osa Kuusalu vallast, mis asub lõuna pool maanteest nr 1 (E20), Aegviidu vald ja Anija vald),

— Ida-Viru maakond,

— Kambja vald,

— Karksi vald,

— Kihelkonna vald,

— Konguta vald,

— Kõpu vald,

— Kuressaare linn,

— Lääne maakond,

— Lääne-Saare vald,

— Laekvere vald,

— Leisi vald,
— Luunja vald,
— Mäksa vald,
— Meeksi vald,
— Muhu vald,
— Mustjala vald,
— Nõo vald,
— Orissaare vald,
— osa Tamsalu vallast, mis asub kirde pool Tallinna-Tartu raudteest,
— Pärnu maakond,
— Peipsiääre vald,
— Piirissaare vald,
— Pöide vald,
— Põlva maakond,
— Puhja vald,
— Rägavere vald,
— Rakvere linn,
— Rakvere vald,
— Rannu vald,
— Rapla maakond,
— Rõngu vald,
— Ruhnu vald,
— Salme vald,
— Sõmeru vald,
— Suure-Jaani vald,
— Tähtvere vald,
— Tartu linn,
— Tartu vald,
— Tarvastu vald,
— Torgu vald,
— Ülenurme vald,
— Valga maakond,
— Vara vald,
— Vihula vald,
— Viljandi linn,
— Viljandi vald,
— Vinni vald,
— Viru-Nigula vald,
— Võhma linn,

— Võnnu vald,

— Võru maakond.

2. **Il-Latvja**

Iż-żoni fil-Latvja li ġejjin:

— Ādažu novads,

— Aglonas novads,

— Aizkraukles novads,

— Aknīstes novads,

— Alojas novads,

— Alūksnes novads,

— Amatas novads,

— Apes novada Trapenes, Gaujienas un Apes pagasts, Apes pilsēta,

— Babītes novads,

— Baldones novads,

— Baltinavas novads,

— Balvu novada Vīksnas, Bērzkalnes, Vectilžas, Lazdulejas, Briežuciema, Tilžas, Bērzpils un Krišjāņu pagasts,

— Bauskas novada Mežotnes, Codes, Dāviņu un Vecsaules pagasts,

— Beverīnas novads,

— Burtnieku novads,

— Carnikavas novads,

— Cēsu novads,

— Cesvaines novads,

— Ciblas novads,

— Dagdas novads,

— Daugavpils novada Vaboles, Līksnas, Sventes, Medumu, Demenas, Kalkūnes, Laucesas, Tabores, Maļinovas, Ambeļu, Biķernieku, Naujenes, Vecsalienas, Salienas un Skrudalienas pagasts,

— Dobeles novada Dobeles, Annenieku, Bikstu pagasti un Jaunbērzes pagasta daļa, kas atrodas uz austrumiem no autoceļa P98,

— Dundagas novads,

— Engures novads,

— Ērgļu novads,

— Garkalnes novada daļa, kas atrodas uz ziemeļrietumiem no autoceļa A2,

— Gulbenes novada Līgo pagasts,

— Iecavas novads,

— Ikšķiles novada Tīnūžu pagasta daļa, kas atrodas uz dienvidaustrumiem no autoceļa P10, Ikšķiles pilsēta,

— Ilūkstes novads,

— Jaunjelgavas novads,

— Jaunpils novads,

— Jēkabpils novads,

— Jelgavas novada Kalnciema, Līvbērzes un Valgundes pagasts,

— Kandavas novada Cēres, Kandavas, Zemītes un Zantes pagasts, Kandavas pilsēta,

— Kārsavas novads,

— Ķeguma novads,

— Ķekavas novads,

— Kocēnu novads,

— Kokneses novads,

— Krāslavas novads,

— Krimuldas novada Krimuldas pagasta daļa, kas atrodas uz ziemeļaustrumiem no autoceļa V89 un V81, un Lēdurgas pagasta daļa, kas atrodas uz ziemeļaustrumiem no autoceļa V81 un V128,

— Krustpils novads,

— Lielvārdes novads,

— Līgatnes novads,

— Limbažu novada Skultes, Limbažu, Umurgas, Katvaru, Pāles un Viļķenes pagasts, Limbažu pilsēta,

— Līvānu novads,

— Lubānas novads,

— Ludzas novads,

— Madonas novads,

— Mālpils novads,

— Mārupes novads,

— Mazsalacas novads,

— Mērsraga novads,

— Naukšēnu novads,

— Neretas novads,

— Ogres novads,

— Olaines novads,

— Ozolnieku novads,

— Pārgaujas novads,

— Pļaviņu novads,

— Preiļu novada Saunas pagasts,

— Priekuļu novads,

— Raunas novada Raunas pagasts,

— republikas pilsēta Daugavpils,

— republikas pilsēta Jēkabpils,

— republikas pilsēta Jūrmala,

— republikas pilsēta Rēzekne,

— republikas pilsēta Valmiera,

— Rēzeknes novads,

— Riebiņu novada Sīļukalna, Stabulnieku, Galēnu un Silajāņu pagasts,

— Rojas novads,

— Ropažu novada daļa, kas atrodas uz austrumiem no autoceļa P10,

— Rugāju novada Lazdukalna pagasts,

— Rūjienas novads,

— Salacgrīvas novads,

— Salas novads,

— Saulkrastu novads,

— Siguldas novada Mores pagasts un Allažu pagasta daļa, kas atrodas uz dienvidiem no autoceļa P3,

— Skrīveru novads,

— Smiltenes novada Brantu, Blomes, Smiltenes, Bilskas un Grundzāles pagasts un Smiltenes pilsēta,

— Strenču novads,

— Talsu novada Ķūļciema, Balgales, Vandzenes, Laucienes, Virbu, Strazdes, Lubes, Īves, Valdgales, Laidzes, Ārlavas, Lībagu un Abavas pagasts, Sabiles, Stendes un Valdemārpils pilsēta,

— Tukuma novads,

— Valkas novads,

— Varakļānu novads,

— Vecpiebalgas novads,

— Vecumnieku novads,

— Ventspils novada Ances, Tārgales, Popes, Vārves, Užavas, Piltenes un Puzes pagastis, Piltenes pilsēta,

— Viesītes novads,

— Viļakas novads,

— Viļānu novads,

— Zilupes novads.

3. **Il-Litwanja**

Iż-żoni fil-Litwanja li ġejjin:

— Alytaus miesto savivaldybė,

— Alytaus rajono savivaldybė,

— Anykščių rajono savivaldybė,

— Birštono savivaldybė,

— Biržų miesto savivaldybė,

— Biržų rajono savivaldybė: Nemunėlio Radviliškio, Pabiržės, Pačeriaukštės ir Parovėjos seniūnijos,

— Druskininkų savivaldybė,

— Elektrėnų savivaldybė,

— Ignalinos rajono savivaldybė,

— Jonavos miesto savivaldybė,

— Jonavos rajono savivaldybė,

— Kaišiadorių miesto savivaldybė,

— Kaišiadorių rajono savivaldybė,

— Kauno miesto savivaldybė,

— Kauno rajono savivaldybė,

— Kėdainių rajono savivaldybė,

— Kupiškio rajono savivaldybė: Noriūnų, Skapiškio, Subačiaus ir Šimonių seniūnijos,

— Lazdijų rajono savivaldybė,

— Molėtų rajono savivaldybė,

— Prienų miesto savivaldybė,

— Prienų rajono savivaldybė,

— Rokiškio rajono savivaldybė,

— Šalčininkų rajono savivaldybė,

— Širvintų rajono savivaldybė,

— Švenčionių rajono savivaldybė,

— Trakų rajono savivaldybė,

— Ukmergės rajono savivaldybė,

— Utenos rajono savivaldybė,

— Varėnos rajono savivaldybė,

— Vilniaus miesto savivaldybė,

— Vilniaus rajono savivaldybė,

— Visagino savivaldybė,

— Zarasų rajono savivaldybė.

4. **Il-Polonja**

Iż-żoni fil-Polonja li ġejjin:

w województwie podlaskim:

— gmina Dubicze Cerkiewne, części gmin Kleszczele i Czeremcha położone na wschód od drogi nr 66 w powiecie hajnowskim,

— gmina Kobylin-Borzymy w powiecie wysokomazowieckim,

— gminy Czarna Białostocka, Dobrzyniewo Duże, Gródek, Michałowo, Supraśl, Tykocin, Wasilków, Zabłudów, Zawady i Choroszcz w powiecie białostockim,

— część gminy Bielsk Podlaski położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 19 (w kierunku północnym od miasta Bielsk Podlaski) i przedłużonej przez wschodnią granicę miasta Bielsk Podlaski i drogę nr 66 (w kierunku południowym od miasta Bielsk Podlaski), część gminy Orla położona na wschód od drogi nr 66 w powiecie bielskim,

— gminy Szudziałowo i Krynki w powiecie sokólskim,

w województwie mazowieckim:

— gmina Platerów w powiecie łosickim,

w województwie lubelskim:

— gminy Piszczac i Kodeń w powiecie bialskim.

PARTI III

1. **L-Estonja**

Iż-żoni fl-Estonja li ġejjin:

— Aegviidu vald,

— Anija vald,

— Järva maakond,

— Jõgeva maakond,

— Kadrina vald,

— Kolga-Jaani vald,

— Kõo vald,

— Laeva vald,

— Laimjala vald,

— osa Kuusalu vallast, mis asub lõuna pool maanteest nr 1 (E20),

— osa Tamsalu vallast, mis asub edela pool Tallinna-Tartu raudteest,

— Pihtla vald,

— Rakke vald,

— Tapa vald,

— Väike-Maarja vald,

— Valjala vald.

2. **Il-Latvja**

Iż-żoni fil-Latvja li ġejjin:

— Apes novada Virešu pagasts,

— Balvu novada Kubuļu un Balvu pagasts un Balvu pilsēta,

— Daugavpils novada Nīcgales, Kalupes, Dubnas un Višķu pagasts,

— Garkalnes novada daļa, kas atrodas uz dienvidaustrumiem no autoceļa A2,

— Gulbenes novada Beļavas, Galgauskas, Jaungulbenes, Daukstu, Stradu, Litenes, Stāmerienas, Tirzas, Druvienas, Rankas, Lizuma un Lejasciema pagasts un Gulbenes pilsēta,

— Ikšķiles novada Tīnūžu pagasta daļa, kas atrodas uz ziemeļrietumiem no autoceļa P10,

— Inčukalna novads,

— Jaunpiebalgas novads,

— Krimuldas novada Krimuldas pagasta daļa, kas atrodas uz dienvidrietumiem no autoceļa V89 un V81, un Lēdurgas pagasta daļa, kas atrodas uz dienvidrietumiem no autoceļa V81 un V128,

— Limbažu novada Vidrižu pagasts,

— Preiļu novada Preiļu, Aizkalnes un Pelēču pagasts un Preiļu pilsēta,

— Raunas novada Drustu pagasts,

— Riebiņu novada Riebiņu un Rušonas pagasts,

— Ropažu novada daļa, kas atrodas uz rietumiem no autoceļa P10,

— Rugāju novada Rugāju pagasts,

— Salaspils novads,

— Sējas novads,

— Siguldas novada Siguldas pagasts un Allažu pagasta daļa, kas atrodas uz ziemeļiem no autoceļa P3, un Siguldas pilsēta,

— Smiltenes novada Launkalnes, Variņu un Palsmanes pagasts,

— Stopiņu novada daļa, kas atrodas uz austrumiem no autoceļa V36, P4 un P5, Acones ielas, Dauguļupes ielas un Dauguļupītes,

— Vārkavas novads.

3. **Il-Litwanja**

Iż-żoni fil-Litwanja li ġejjin:

— Biržų rajono savivaldybė: Vabalninko, Papilio ir Širvenos seniūnijos,

— Kupiškio rajono savivaldybė: Alizavos ir Kupiškio seniūnijos,

— Panevėžio miesto savivaldybė,

— Panevėžio rajono savivaldybė: Karsakiškio, Miežiškių, Naujamiesčio, Pąįstrio, Raguvos, Ramygalos, Smilgių, Upytės, Vadoklių, Velžio seniūnijos ir Krekenavos seniūnijos dalis į rytus nuo Nevėžio upės,

— Pasvalio rajono savivaldybė: Daujėnų ir Krinčino seniūnijos.

4. **Il-Polonja**

Iż-żoni fil-Polonja li ġejjin:

w województwie podlaskim:

— powiat grajewski,

— powiat moniecki,

— gminy Czyże, Białowieża, Hajnówka z miastem Hajnówka, Narew, Narewka i części gminy Czeremcha i Kleszczele położone na zachód od drogi nr 66 w powiecie hajnowskim,

— gminy Mielnik, Milejczyce, Nurzec-Stacja, Siemiatycze z miastem Siemiatycze w powiecie siemiatyckim,

w województwie mazowieckim:

— gminy Sarnaki, Stara Kornica i Huszlew w powiecie łosickim,

w województwie lubelskim:

— gminy Konstantynów, Janów Podlaski, Leśna Podlaska, Rokitno, Biała Podlaska, Zalesie i Terespol z miastem Terespol w powiecie bialskim,

— powiat miejski Biała Podlaska.

PARTI IV

**L-Italja**

Iż-żoni fl-Italja li ġejjin:

— tutto il territorio della Sardegna."

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1197

**tat-3 ta' Lulju 2017**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/340/UE dwar l-organizzazzjoni ta' esperiment temporanju skont id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE fir-rigward tal-ispezzjoni tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali għaż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika**

*(notifikata bid-dokument C(2017) 4442)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa tal-pitravi ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra ([5]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/340/UE ([6]) tistabbilixxi l-organizzazzjoni, sal-31 ta' Diċembru 2017 ta' esperiment temporanju li kwalunkwe Stat Membru jista' jipparteċipa fiha, u li tippermetti li wieħed jagħżel bejn spezzjonijiet uffiċjali tal-għelieqi u spezzjonijiet tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali għaż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika skont id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE.

(2) Il-valutazzjoni dwar jekk l-għażla bejn l-ispezzjonijiet uffiċjali tal-għelieqi u l-ispezzjonijiet tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali tista' tikkostitwixxi alternattiva aħjar mir-rekwiżit tal-ispezzjonijiet uffiċjali tal-għelieqi għaż-żerriegħa bażika u għaż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika, għadha ma ġietx iffinalizzata għax għad trid tinġabar aktar dejta biex jiġi ffinalizzat l-esperiment, b'mod partikolari fuq l-inqas livell ta' ttestjar tal-verifika uffiċjali. Għalhekk jeħtieġ jiġi estiż it-tul taż-żmien tal-esperiment temporanju.

(3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/340/UE, id-data "il-31 ta' Diċembru 2017" tinbidel bid-data "il-31 ta' Diċembru 2019".

([1]) ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66.
([2]) ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66.
([3]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12.
([4]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33.
([5]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74.
([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/340/UE dwar l-organizzazzjoni ta' esperiment temporanju skont id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE fir-rigward tal-ispezzjoni tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali għaż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika (ĠU L 166, 27.6.2012, p. 90).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2017.

*Għall-Kummissjoni*

Vytenis ANDRIUKAITIS

*Membru tal-Kummissjoni*

**DEĊIŻJONI (UE) 2017/1198 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tas-27 ta' Ġunju 2017**

**dwar ir-rapportar ta' pjanijiet ta' finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu minn awtoritajiet kompetenti nazzjonali lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2017/21)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Bord Superviżorju,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Ġunju 2014, l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) adottat il-Linji Gwida tagħha fuq definizzjonijiet u mudelli armonizzati għal pjanijiet ta' finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu skont ir-Rakkomandazzjoni A4 tal-BERS/2012/2 ([3]) (iktar 'il quddiem il-"Linji Gwida tal-ABE"). Il-Linji Gwida tal-ABE jridu jistabbilixxu prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi bl-armonizzazzjoni ta' mudelli u definizzjonijiet għall-faċilitazzjoni tar-rapportar tal-pjanijiet ta' finanzjament mill-istituzzjonijiet ta' kreditu.

(2) Il-Linji Gwida tal-ABE huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti, kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), u lil istituzzjonijiet li jirrapportaw pjanijiet ta' finanzjament lill-awtoritjaiet kompetenti tagħhom skont il-qafas ta' implimentazzjoni nazzjonali tar-Rakkomandazzjoni BERS/2012/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([5]).

(3) Għall-fini esklussiv tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti fuqu bl-Artikoli 4(1) u (2) u 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jitqies, skont il-każ, bħala l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nominata fl-Istati Membri parteċipanti kif stabbilit mill-atti rilevanti tad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, il-BĊE huwa l-indirizzat tal-Linji Gwida tal-ABE fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma kklassifikati bħala sinifikanti skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

(4) Sabiex jikkonforma mal-Linji Gwida tal-ABE, il-BĊE għandu jiżgura li istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti jirrapportaw il-pjanijiet ta' finanzjament tagħhom skont il-mudelli u d-definizzjonijiet armonizzati msemmija fil-mudell tal-pjan ta' finanzjament marbut mal-Linji Gwida tal-ABE.

(5) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, u l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-BĊE li jirċievi direttament informazzjoni rrapportata mill-istituzzjonijniet ta' kreditu, jew li jkollu aċċess dirett għal dik l-informazzjoni fuq bażi kontinwa, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jipprovdu speċifikament lill-BĊE bl-informazzjoni meħtieġa kollha għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti mogħtija lill-BĊE permezz tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

([1]) ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.
([2]) ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1.
([3]) ABE/GL/2014/04.
([4]) Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).
([5]) Rakkomandazzjoni BERS/2012/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Rskju Sistemiku tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU C 119, 25.4.2013, p. 1).

(6) Fid-dawl tal-fatt li l-informazzjoni dwar il-pjanijiet ta' finanzjament huma neċessarji għall-finijiet mikro u makroprudenzjali, il-BĊE iddeċieda li jeħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li jipprovduh bil-pjanijiet ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.

(7) Il-mod kif l-awtorità nazzjonali kompetenti tipprovdi lill-BĊE bil-pjanijiet ta' finanzjament għandu jiġi speċifikat. B'mod partikolari, għandhom jiġu speċifikati il-format, il-frekwenza u l-waqt ta' kull sottomissjoni ta' informazzjoni, kif ukoll id-dettalji tal-kontrolli tal-kwalità li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom iwettqu qabel ma jissottomettu informazzjoni lill-BĊE.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Din id-Deċizjoni teħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jipprovdu pjanijiet ta' finanzjament ta' ċerti istituzzjonijiet sinifikanti u inqas sinifikanti lill-BĊE, u tistabbilixxi proċeduri dwar is-sottomissjoni lill-BĊE ta' dawn il-pjanijiet ta' finanzjament.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din il-Linja Gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), flimkien mad-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "istituzzjoni ta' kreditu sinifikanti" tfisser istituzzjoni ta' kreditu li għandha status ta' entità sinifikanti taħt superviżjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17); u

(2) "istituzzjoni ta' kreditu inqas sinifikanti" tfisser istituzzjoni ta' kreditu li m'għandhiex status ta' entità sinifikanti taħt superviżjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17).

*Artikolu 3*

**Rekwiżiti għal rapportar ta' pjanijiet ta' finanzjament**

1. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jipprovdu lill-BĊE bi pjanijiet ta' finanzjament li huma konformi mal-Linji Gwida tal-ABE tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li ġejjin stabbiliti fl-Istati Membri rispettivi tagħhom:

(a) istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti taħt superviżjoni fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti;

(b) istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti li ma humiex parti minn grupp taħt superviżjoni fuq bażi individwali;

(c) istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti li dwarhom l-awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti hija obbligata tirrapporta lill-ABE l-pjanijiet ta' finanzjament rilevanti skont id-Deċiżjoni EBA/DC/2015/130 tal-Awtorità Bankarja Ewropea ([1]) fuq bażi kkonsolidata jew fuq bażi individwali jekk dawk l-istituzzjonijiet mhumiex parti minn grupp taħt superviżjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li jiġbru l-pjanijiet ta' finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti li ma hemmx riferiment għalihom fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 għandhom jipprovdu dawn il-pjanijiet finanzjament lill-BĊE jekk jikkonformaw mal-Linji Gwida tal-ABE.

3. Il-pjanijiet ta' finanzjament għandhom jiġu ssottomessi lill-BĊE skont il-mudelli u d-definizzjonijiet armonizzati msemmija fil-mudell tal-pjan ta' finanzjament mehmuż mal-Linji Gwida tal-ABE. Il-pjanijiet ta' finanzjament għandu jkollhom data ta' referenza tal-31 ta' Diċembru tas- sena ta' qabel.

([1]) Deċiżjoni ABE/DC/130 tal-Awtorità Bankarja Ewropew tat-23 ta' Settembru 2015 dwar rapportar mill-awtoritajiet kompetenti lill-ABE.

*Artikolu 4*

**Dati ta' spedizzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jissottomettu l-pjanijiet ta' finanzjament tal-istituzzjoni ta' kreditu sinifikanti msemmija fl-Artikolu 3(1)(a) u (b) lill-BĊE sal-10 jum tax-xogħol wara d-dati ta' trasferiment imsemmija fil-paragrafu 8 tal-Linji Gwida tal-ABE.

2. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jissottomettu l-pjanijiet ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 3(1)(c) u l-Artikolu 3(2) tal-BĊE sa 12.00 CET fid-dati sa meta l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jissottomettu pjanijiet ta' finanzjament lill-ABE skont il-paragrafu 8 tal-Linji Gwida tal-ABE.

*Artikolu 5*

**Kontrolli tal-kwalità tad-dejta**

1. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jimmoniterjaw u jiżguraw il-kwalità u l-affidabbiltà tad-dejta li titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊE. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom japplikaw ir-regoli ta' validazzjoni żviluppati u miżmuma mill-ABE u għandhom japplikaw il-kontrolli tal-kwalità tad-dejta addizzjonali ddefiniti mill-BĊE b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali.

2. Minbarra l-konformità mar-regoli ta' validazzjoni u l-kontrolli tal-kwalità, id-dejta għandha tiġi ppreżentata skont l-istandards minimi addizzjonali li ġejjin għall-finijiet ta' preċiżjoni:

(a) l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jipprovdu informazzjoni, jekk applikabbli, dwar l-iżviluppi sottointiżi mid-dejta ppreżentata; u

(b) l-informazzjoni għandha tkun kompleta: il-lakuni eżistenti għandhom jiġu rikonoxxuti, spjegati lill-BĊE u, jekk applikabbli, għandhom jiġu solvuti mingħajr dewmien żejjed.

*Artikolu 6*

**Informazzjoni kwalitattiva**

1. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jissottomettu lill-BĊE mingħajr dewmien żejjed l-ispjegazzjonijiet korrispondenti f'każ li l-kwalità tad-dejta għal tabella partikolari fit-tassonomija ma tkunx iġġustifikata.

2. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jikkomunikaw lill-BĊE r-raġunijiet għal kull reviżjoni sinifikanti ppreżentata.

*Artikolu 7*

**Speċifikazzjoni tal-format tat-trasmissjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jissottomettu d-dejta speċifikata f'din id-Deċiżjoni bl-użu tal-eXtensible Business Reporting Language taxonomy sabiex jipprovdu format tekniku uniformi għall-iskambju ta' dejta li tirrigwarda l-Linji Gwida tal-ABE.

2. L-entitajiet taħt superviżjoni għandhom jiġu identifikati fit-trasmissjoni korrispondenti bl-użu ta' Legal Entity Identifier [Identifikatur tal-Entità Legali].

*Artikolu 8*

**L-ewwel dati ta' referenza tar-rapportar**

L-ewwel data ta' referenza għar-rapportar bis-saħħa tal-Artikolu 3 għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2017.

*Artikolu 9*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-indirizzati.

*Artikolu 10*

**Indirizzati**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri partecipanti.

Magħmula fi Frankfurt am Main, is-27 ta' Ġunju 2017.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

## RETTIFIKA

**Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1986 tal-11 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 842/2011**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 296 tat-12 ta' Novembru 2015)*

Fil-paġna 3, l-Artikolu 4,

*minflok:* "XVI",

*aqra:* "XVII".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT